**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 45**

**Data:** L-Erbgħa 27 ta' Awwissu ~~Settembru~~ 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Skużati**
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**45.1 Ittri ta' apoloġiji**

45.1.1 Il-President semma li, H.E Clifford Galea Vella Maslennikov, Kav. Paul Farrugia, is-Sur Jesmond Aquilina, s-Sur Charles Bonello talbu li jkunu skużati. Filwaqt li s-Sur Stephen Sultana talab li jħalli l-laqgħa qabel ma bdiet peress li bdiet 30 minuta tard u kellu appuntament li ma setax jitlef.

45.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**45.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 44**

45.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

45.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**45.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 44**

45.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Steven Axisa ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Lulju 2025 u 28 t' Awwissu 2025 li kienet tammonta għal €95,577.69.

45.3.2 Il-President semma li fl-iskeda hemm il-fondi dovuti lil LESA wara li dawn ma ntużawx mill-Kunsilli Lokali rispettivi ta' kull Reġjun li kienu relatati mal-iskema tal-infurzar. Semma li hemm madwar EUR16,000 li għadhom pendenti u li l-Assoċjazzjoni qed titlob lura lir-Reġjun Tramuntana dawn wara li jidher li mhemmx id-dokumenti kollha neċessarji sabiex din l-ispiża tkun issostanzjata.

**45.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni Reviżjoni għall-Estimi Finanzjari għas-Sena 2025**

45.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Max Zammit l-Estimi finanzjarji ġew approvat kif preżentat.

**45.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **45.5.1 Enemalta** | Il-President semma li l-issue tal-istreet lighting bejn l-Enemalta u l-kuntratturi privati ġiet riżolta u ser tkun qed toħroġ skeda ta' kif l-Enemalta ser tkun qed timplimenta l-programm ta' xogħlijiet f' diversi lokalitajiet biex jinbidlu l-bozoz għal dawk LED fil-lokalitajiet. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **45.5.2 Charging Pillars** | Il-President semma li hemm laqgħa skeda mal-Energy Water Agency rigward li pjanijiet li hemm sabiex jiġu installati l-charging pillars madwar il-lokalitajiet. |
| **45.5.3 Laqgħa DLG – AKL – Ombusdman** | Il-President semma li saret laqgħa fejn l-Ombudsman talab li jitkomplu d-diskussjonijiet biss pero jidher ċar li PSMC ma tridx tiddiskuti iktar il-materja rigward boardijiet ta' ħatra għall-Segretarji Eżekuttivi kif ukoll li jidher li ser tkun qed terġa' toħroġ sejħa bl-istess kriterji. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tibqa' iżomm l-istess pożizzjoni. |
| **45.5.4 Librara** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni irċiviet diversi ilmenti fejn il-librara bagħtu invoice bl-arretrati lill-Kunsilli Lokali wara li jidher li kien hemm xi forma ta' ftehim kollettiv li għolla r-rati ta' ħlas lil-librara. Sostna li l-AKL qatt ma kienet ikkonsultata dwar dan u għaldaqstant ser ssir komunikazzjoni mal-RIU u mad-Diviżjoni sabiex ikun hemm linji gwida dwar dawn il-ħlasijiet. |
| **45.5.5 Programm fuq il-PBS** | Il-President semma li l-AKL kienet mistiedna sabiex issir produzzjoni fuq ir-radju sabiex il-Kunsilli u r-Reġjuni jkollhom spazju fejn jistgħu jitkellmu fuq attivitajiet u proġetti diversi. Semma li ser tintbgħat ċirkulari sabiex jinġabru l-kuntatti ta' dawk il-Kunsilli Lokali li huma intressati li jkunu parti mill-programm. |
| **45.5.6 Kaleci Old Town Festival** | Il-President semma li l-espressjoni ta' interess intbgħatet lill-Kunsilli Reġjonali u kien hemm erba' uffiċjali maniġerjali li applika għas-sejħa. L-Assoċjazzjoni talbet lill-organizzaturi jistgħux jallokaw 4 postijiet flok 3 u dawn laqgħu t-talba. L-AKL ser tkun qed tlaqqa' lill-parteċipanti għal-laqgħa preparatorja. |
| **45.5.7 ELoGE** | Il-President semma li l-proposta tal-AKL li kienet sottomessa mal-Kunsill tal-Ewropa sabiex ikun hemm finanzjament allokat għall-taħriġ u kif ukoll pubblikazzjonijiet ta' linji gwida bħala assistenza sabiex ir-Reġjuni jkunu mgħammra bl-għodda neċessarja sabiex jgħinu fil-komunikazzjoni mal-Kunsilli Lokali interessati. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **45.5.8 TIPS4UA** | Il-President semma li fil-ġimgħat li ġejjin ser tkun qed tasal id-delegazzjoni Ukrena u li hemm programm li huwa pjanat li jsir. |
| **45.5.9 Eko-Skola** | Il-President semma li l-preparamenti għaddejjin, ser tkun qed tinħareġ sejħa sabiex ir-Reġjuni li jixtiequ jkollhom booth ta' informazzjoni jkunu jistgħu jingħataw l-ispazju. |
| **45.5.10 CWIM** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ħalset l-membership għal rappreżentant mir-Reġjun sabiex ikollhom l-aċċessibbilita' għall-taħriġ, proġetti u materjal online fejn jidħol d-dekasteru tal-immaniġjar tal-iskart. |
| **45.5.11 AICCRE Italia** | Il-President semma li f' Ottubru għandha tasal Malta delegazzjoni ta' madwar 40 delegat minn Kunsilli u Reġjonali minn Sardinja u l-Italja bħala parti mill-proġett SouSeEU – l' Europa Vista Dal Sud: Gli Isolani E Il Continente.<br>Semma li dan ser jiġi wkoll amalgamat mal-proġett EloGE fejn l-Assoċjazzjoni qed tuża l-istess esperti tekniċi fil-qasam. |
| **45.5.12 CEMR Summit** | Il-President semma li l-preparamenti kienu għaddejjin u li kien ukoll hemm il-possibbilita' li l-EXPO tal-Kunsilli Lokali issir fl-istess perjodu fl-istess lukanda. Dan sabiex tkun ta' benefiċju akbar anki meta wieħed jiltaqa' ma' networks differenti. |
| **45.5.13 CEMR Lab project** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tipparteċipa wkoll fil-proġett LAB li l-ewwel pajjiż li fih ser jiltaqa' l-consortium huwa Malta nhar it-13 u l-14 ta' Novembru 2025. Il-President semma li dan ser ikun qed jitratta d-djalogu soċjali. |
| **45.5.14 AMIF CEMR project** | Il-President semma li l-AKL ser tkun waħda mill-partners fl-applikazzjoni sottomessa minn rappreżentanti ta' CEMR fuq proġett iffinanzjat mill-AMIF li jitratta n-nies u l-immigrazzjoni. |
| **45.5.15 ERASMUS + - Serbia** | Il-President semma li l-AKL flimkien ma' rappreżentanti ta' organizazzjoni li taħdem fuq it-tagħlim tal-adulti u l-imigrazzjoni ser tkun qed tikteb proġett tal-ERASMUS+ fil-jiem li ġejjin. |
| **45.5.16 Tribunali Lokali** | Il-President semma li kellu laqgħa mas-Segretarju Permnenti, is-Sur Johan Galea u s-Sa. Elizabeth Vassallo fejn iddiskutu b' mod informali fiex wasal il-proċess sabiex it-Tribunali jkunu jistgħu jimxu f' Aġenzija separata mir-reġjuni. Il-President |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

semma li għandu jkollu aktar informazzjoni lejn nofs Settembru.
Semma wkoll li l-AKL ser tkun qed tara x' ser jiġri mill-10% management fee li l-Kunsilli Lokali jirċievu mill-Aġenzija LESA relatati ma' kontravenzjonijiet maħruġa.

**45.5.17 Transport Malta LES MoU**

Il-President semma li jidher li TM ma tridx iġedded il-ftehim li hemm mal-AKL rigward l-immaniħjar ta' fondi li jidħlu minn TM għand l-Assoċjazzjoni relatati ma' kontravenzzjonijiet. Minkejja dan il-proċess baqa' għaddej.

**45.5.18 Tender – Vetturi AKL**

Il-President semma li wara proċess elaborjuż fejn l-AKL anki intalbet tagħmel Cost Benefit Analysis għlfejn ser tikri u mhux tixtri l-vetturi, il-Ministeru tal-Finanzi abbażi ta' CBA talbu lill-Assoċjazzjoni sabiex tixtri l-vetturi.

**45.5.19 Pulizija tal-Komunita'**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-Pulizja tal-Komunita' li dawn qed jaħdmu fuq Cohesion Team li jinkludi wkoll inizjattivi fuq inklużjoni soċjali. Semma li l-AKL ser tkun qed tiffirma MoU ma' dan it-tim sabiex inkun parteċipi f' attivitajiet tagħhom u nippromovu l-irwol tal-Kunsilli Lokali.

**45.5.20 Identita' – Tiġdid tal-Karti tal-Identita'**

Il-President semma li wara laqgħat ma' Identita' ġie stabbilit u kkomunikat proċess mal-iktar kunsilli lokali li għandhom rata għolja ta' karti tal-identita' li jridu jiġġeddu. Semma li kull lokalita' ser imissu imma l-prijorita' ingħatat għall-lokalitajiet fejn in-numri għadhom għoljin. Il-President informa li kienet ukoll ġiet iċċirkulata l-informazzjoni mal-Kunsilli Lokali kif ukoll mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**45.5.21 Kollaborazzjoni – The Malta foundation for Social Wellbeing**

Il-President semma li anki b' rikonoxximent għall-Kunsilli ta' Tfal li kienu mwaqfa matul is-sena l-oħra, l-AKL ser tkun qed taħdem proġett fejn ikun introdott il-kunċett ta' budget parteċipatorju. Semma li ser ikun hemm ukoll kollaborazzjoni mal-ALDA sabiex isir taħriġ fuq is-suġġett.

**45.5.22 Taħriġ għall-ħaddiema Klerikai**

Il-President semma li wasal biex jiġi konkluż t-taħriġ għall-ħaddiema fi skala 16 li jixtieqi jipprogressaw għal skala 15. Dan ser ikun qed isir l-MCAST u ser ikun MQF Livell 3.

**45.5.23 Laqgħa MTA**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-MTA fil-preżenza tad-Divżjoni u anki Lands Authority sabiex kienu diskussi short lets. |
| **45.5.24 Żjara San Patrigniano** | Il-President semma għaddejjin l-arranġamenti sabiex bejn is-6 u d-9 t' April 2026 issir study visit għall-Kunsilli fil-komunita' ta' San Patrigniano. |
| **45.5.25 Ħamiem Selvaġġ** | Il-President semma li reġgħet intalbet laqgħa mas-senita' rigward il-problema ta' ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet. |
| **45.5.26 Planning Fund** | Il-President semma li intalbet li ssir sessjoni informattiva fuq il-Planning Fund mill-Awtorita' tal-Ippjanar imma ġejna infurmati li għalissa hija pendenti minħabba xi tibdil li jista' jkun hemm. |
| **45.5.27 Uniformijiet** | Il-President semma li ġew ordnati l-uniformijiet peress li tnejn mill-ħaddiema kellhom bżonn uniformi kompluta, kien deċiż li jitbiddel il-kulur u l-ħaddiem l-ieħor jibdel ukoll l-uniformi anki minħabba li xorta kien wasal biex jixtri aktar biċċiet mill-uniformi l-antika. |
| **45.5.28 Rikors Jimmy Magro** | Il-President semma li r-rikors sar kif mitlub imma ma ntlaqax mill-Qorti. |
| **45.5.29 Marketing** | Il-President semma li kien hemm laqgħa ma' persuna li qed tbiegħ pakketti ta' riklamar għall-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li jekk l-Assoċjazzjoni tmur għal dawn it-tip ta' paketti tinħareġ sejħa għax inkella jkun diffiċli li wieħed jaqta' linja fejn u ma' min ser jirriklama. |
| **45.5.30 Attivitajiet tal-Milied** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza l-Gala Night nhar 19 ta' Diċembru 2025. Ser ikunu qed jinġabru wkoll il-kwotazzjoni gżat-tiżjin tal-Milied. |
| **45.5.31 Kuntratt – Service – Chief coordinator for the Maltese Delegation in the Committee of the Regions (CoR) and Council of Europe (CoE) in Strasbourg** | Il-President semma li dan il-kuntratt ser jispiċċa fi ftit xhur u l-Assoċjazzjoni ma nghtatx fondi addizzjonali sabiex iżommu għaddejjin. Minkejja bl-ammont ta' proġetti li l-Assoċjazzjoni qed jirnexxiela iġġib ikun ferm aktar utli li jidaħħal ħaddiem mal-Assoċjazzjoni li jkun jista' jagħmel dan ix-xogħol u xogħol ieħor relatat. Dan anki peress li l-fatt li xogħol relatat mal-Kunsill tal-Ewropa qed issir kollu mill-ħaddiema tal-AKL. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Kien deċiż unanimament li dan is-servizz jitwaqqaf u ma terġax tinħareġ sejħa.

**45.5.32 Tiġdid ta' Leave tas-Segreatrju Eżekuttiv**

Fuq talba tal-President hekk kif imressqa mis-Segretarju Eżekuttiv u ssekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva li 223.75 siegħa jkunu mġedda għas-sena 2025 dan peress li s-Segretarja tal-Assoċjazzjoni qiegħda tagħmel xogħol kemm f' Reġjun u Kunsill u saħansitra assistit fi proċetti ta' Kunsilli oħra sabiex ikunu implimentati fil-ħin, il-leave huwa impossibbli li jittieħed f' ħinu.

**45.5.33 Wasteserv Rejects**

Il-Il-Presidenti Reġjonali preżenti semmew li għandu jkun hemm qbil li m' għandu ħadd mir-Reġjun jattendi sabiex ikun jaraw s-sorting meta jiġu mistiedna għaliex huma qed jibqgħu jikkontestaw dawn il-ħlasijiet. Meta wkoll għadhom ma tkomplewx il-laqgħat mal-PROs.

**45.5.34 Talba għal Qualification Allowance – Uffiċjal Maniġerjali AKL**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni it-talba li rċieva għannom ta' ħaddiem maniġerjali mal-Assoċjazzjoni sabiex jingħata qualification allowance fuq MQF livell 7. It-talba kienet approvata b' mod unanimu u li għandha titħallas mill-ewwel ġurnata tal-impjieg.

**45.5.35 Part-Time Skala 15**

Il-President propona li l-Assoċjazzjoni toħroġ sejħa għall-post vakant part-time fi skala 15. Dan jgħati ċ-ċans li jsiru preparament ta' kwotazzjonijiet u loġistika ta' attivitajiet u inizjattivi li l-Assoċjazzjoni tkun qed timplimenta.
Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi kien hemm qbil li għandha tiġi ppubblikata sejħa.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**45.6 Aġġornament**

45.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 18 ta' Settembru 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**